



RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-21 ta' Diċembru, 2006

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

dwar l-awdituri esterni ta' l-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2006/29)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond l-Artikolu 37(1) ta' l-Att Federali dwar l-Oesterreichische Nationalbank, il-Laqgħa Ġenerali ta' l-Oesterreichische Nationalbank (OeNB) għandha taħtar żewġ awdituri u żewġ awdituri sostituti kull sena. L-awdituri sostituti jinħatru biss fil-każ li l-awdituri ma jkunux jistgħu jagħmlu l-verifika.
- (3) Fl-14 ta' Marzu 2006 il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, wara li ra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2006/1 ta' l-1 ta' Frar 2006 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-awdituri esterni ta' l-Oesterreichische Nationalbank¹, approvata minn KPMG Alpen-Treuhand GmbH u TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH bħala awdituri esterni flimkien, u Moore Stephens Austria Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH u BDO Auxilia Treuhand GmbH bħala awdituri sostituti flimkien għas-sena finanzjarja 2006².
- (4) Fit-8 ta' Settembru 2006 l-OeNB informa lill-BĊE li fil-Laqgħa Ġenerali tiegħu ta' Mejju 2006, KPMG Alpen-Treuhand GmbH ma kienx kiseb il-maġġoranza tal-voti meħtieġa biex jintgħażel u, bħala konsegwenza ta' dan, it-tieni awditur fil-mertu, TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH inħatar bħala l-ewwel awditur. L-ewwel awditur fil-mertu sostitut, Moore Stephens Austria

¹ ĠU C 34, 10.2.2006, p. 30.

² ĠU L 79, 16.3.2006, p. 25.

Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH, inĥatar bħala t-tieni awditur u t-tieni awditur fil-mertu sostitut, BDO Auxilia Treuhand GmbH, inĥatar bħala l-uniku awditur sostitut. Biex jinĥatar it-tieni awditur sostitut, OeNM għamlet proċedura għal akkwist pubbliku ristretta, għażlet Ernst & Young Wirtschaftsprüfungs GmbH u stiednet lill-BĊE biex jirrakkomanda dan lill-Kunsill ta' l-UE għall-approvazzjoni.

- (5) L-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE hija meħtieġa biex jinĥatar Moore Stephens Austria Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH bħala t-tieni awditur estern u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungs GmbH bħala t-tieni awditur sostitut estern ta' OeNB.
- (6) Il-mandat ta' l-awdituri esterni jista' jiġġedded kull sena, u ma jaqbiżx terminu totali ta' ħames snin,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. Huwa rikkmandat li TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Moore Stephens Austria Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH, għandhom jinĥatru flimkien bħala l-awdituri esterni ta' l-OeNB għas-sena finanzjarja 2006.
2. Huwa rikkmandat li BDO Auxilia Treuhand GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungs GmbH għandhom jinĥatru flimkien bħala l-awdituri sostituti ta' l-OeNB għas-sena finanzjarja 2006.
3. Dan il-mandat jista' jiġġedded kull sena, ma jaqbiżx terminu totali ta' ħames snin, u jispiċċa l-aktar tard fis-sena finanzjarja 2010.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-21 ta' Diċembru, 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET